31999L0063

L 167/33 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 2.7.1999

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/63/KE
tal-21 ta' Ġunju 1999
dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 139(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-politika soċjali annessa mal-Protokoll 14 dwar il-politika soċjali, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, kif emendati bit-Trattat ta' Maastricht, ġew inkorporati fl-Artikoli 136 sa 139 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

(2) l-amministrazzjoni u x-xogħol ("l-isħab soċjali"), jistgħu bi qbil ma' l-Anness 139(2) tat-Trattat, jitolbu flimkien li l-ftehim fuq livell tal-Komunità jiġi implimentat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni;

(3) il-Kunsill adotta d-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni ta' ħin ta' xogħol ([1]); billi t-trasport bil-baħar kien wieħed mis-setturi ta' attività eskluż mill-għan ta' dik id-Direttiva;

(4) għandu jingħata każ tal-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol relevanti fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta' ħin ta' xogħol, li jinkludu b' mod partikolari dawk li għandhom x' jaqsmu mas-sigħat ta' xogħol tal-baħħara;

(5) il-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim dwar il-politika soċjali, ikkonsultat ma' l-amministrazzjoni u xogħol fuq id-direzzjoni li tista' tittieħed ta' l-azzjoni tal-Komunità fir-rigward tas-setturi u ta' l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva 93/104/KE;

(6) wara dik il-konsultazzjoni il-Kummissjoni kkunsidrat li l-azzjoni tal-Komunità kienet mixtieqa f'dak il-qasam, u għal darba oħra kkonsultat ma' l-amministrazzjoni u xogħol fuq livell tal-Komunità dwar is-sostanza tal-proposta ppreveduta bi qbil ma' l-Artikolu 3(3) tal-Ftehim imsemmi;

(7) l-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST) informaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jidħlu f' negozjati skond l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-politika soċjali;

(8) l-organizzazzjonijiet imsemmija kkonkludew, nhar it-30 ta' Settembru 1998, Ftehim dwar il-ħin ta' xogħol tal-baħħara; dan il-ftehim fih talba konġunta lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-Ftehim b' deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4(2) tal-Ftehim dwar il-politika soċjali;

(9) il-Kunsill, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Diċembru 1994 dwar ċerti aspetti għal politika soċjali ta' l-Unjoni Ewropea: kontribuzzjoni lejn konverġenza ekonomika u soċjali fl-Unjoni ([2]) talab lill-amministrazzjoni u lix-xogħol sabiex jagħmlu użu mill-opportunitajiet għal ftehim konklużi, minħabba li huma qrib għar-realtà soċjali u għall-problemi soċjali;

(10) il-Ftehim jgħodd għal baħħara abbord kull vapur li jbaħħar, kemm jekk ikun propjetà pubblika jew privata, li jkun irreġistrat fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru u li jkun involut b' mod ordinarju f'ħidmiet marittimi kummerċjali;

(11) l-istrument addattat sabiex jiġi implimentat il-Ftehim huwa Direttiva fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat; hija għalhekk torbot lill-Istati Membri għar-riżultat li jkun irid jintlaħaq, filwaqt li tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali bl-għażla ta' l-għamla u l-metodi;

(12) skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għanijiet tad-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Komunità; din id-Direttiva ma tmurx aktar 'l hinn milli huwa neċessarju sabiex jiġu milħuqa dawk l-għanijiet;

(13) fir-rigward tat-termini użati fil-Ftehim li ma humiex iddefiniti b' mod speċifiku fih, din id-Direttiva tħalli lill-Istati Membri liberi milli jiddefinixxu dawk it-termini skond il-liġi u l-prattika nazzjonali, bħal fil-każ ta' Direttivi ta' politika soċjali oħra li jużaw termini simili, sakemm dawk id-definizzjonijiet jirrispettaw il-kontenut tal-Ftehim;

([1]) ĠU L 307, tat-13.12.1993, p. 18.

([2]) ĠU C 368, tat-23.12.1994, p. 6.

(14) il-Kummissjoni abbozzat il-proposta tagħha għal Direttiva, skond il-komunikazzjoni tagħha ta' l-20 ta' Mejju 1998 dwar l-addattament u promozzjoni tad-djalogu soċjali fuq livell tal-Komunità, filwaqt li tat każ ta' l-*istatus* rappreżentattiv tal-partijiet firmatarji u l-legalità ta' kull klawsola tal-Ftehim;

(15) il-Kummissjoni informat lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, skond il-komunikazzjoni tagħha ta' l-14 ta' Diċembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-politika soċjali, billi bagħtitilhom it-test tal-proposta tagħha għal Direttiva li jkun fiha l-Ftehim;

(16) l-implimentazzjoni tal-Ftehim jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet taħt l-Artikolu 136 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiddaħħal fis-seħħ il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni ta' ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż nhar it-30 ta' Settembru 1998 bejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-amministrazzjoni u x-xogħol fis-settur marittimu (ECSA u FST) kif stabbilit fl-Anness ma' din.

L-Artikolu 2

Il-ħtiġiet minimi

1. L-Istati Membri jistgħu iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandha, taħt l-ebda ċirkostanza, tikkostitwixxi raġunijiet biżżejjed għal ġustifikazzjoni għal tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fl-oqsma koperti b' din id-Direttiva. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' Stati Membri u/jew amministrazzjoni u xogħol sabiex jistabbilixxu, fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu, arranġamenti leġislattivi, regolatorji jew kuntrattwali differenti minn dawk fis-seħħ fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm jiġu dejjem segwiti il-ħtiġiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2002, jew għandhom jiżguraw li, sa mhux aktar tard minn dik id-data, l-amministrazzjoni u x-xogħol ikunu introduċew il-miżuri meħtieġa sabiex bihom ikunu jistgħu, f'kull ħin, ikunu f' pożizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni bihom.

2. Meta Stati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel paragrafu, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir riferenza bħal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Indirizzata lil

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

L. SCHOMERUS

L-ANNESS

FTEHIM EWROPEW

dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-politika soċjali annessa mal-Protokoll dwar il-politika soċjali mehmuża mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 3(4) u 4(2) tiegħu;

Billi l-Artikolu 4(2) tal-Ftehim dwar il-politika soċjali jipprovdi li l-ftehim konkluż fuq livell Ewropew jista' jiġi implimentat fuq talba konġunta tal-partijiet firmatarji b' deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni;

Billi l-partijiet firmatarji qegħdin jagħmlu talba bħal din b'dan il-mezz,

IL-PARTIJIET FIRMATARJI QABLU FUQ IS-SEGWENTI:

Il-Klawsola 1

1. Il-Ftehim jgħodd għal baħħara abbord kull vapur li jbaħħar, kemm jekk ikun propjetà pubblika u kemm jekk ikun propjetà privata, li jkun irreġistrat fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru u li jkun involut f'ħidmiet marittimi kummerċjali. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim vapur li jkun imniżżel fir-reġistru ta' żewġ Stati jitqies li jkun irreġistrat fit-territorju ta' l-Istat li l-vapur ikun qiegħed itajjar il-bandiera tiegħu.

2. Fil-każ ta' dubju dwar jekk kwalunkwe vapur għandux jitqies bħala vapur li jbaħħar jew involut f'ħidmiet marittimi kummerċjali jew le għall-għan tal-Ftehim, il-każ għandu jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru. L-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-vapuri u baħħara konċernati għandhom jiġu kkonsultati.

Il-Klawsola 2

Għall-għan tal-Ftehim:

(a) it-terminu "sigħat ta' xogħol" ifisser il-ħin li matulu baħħar ikun meħtieġ iwettaq xogħol għall-vapur;

(b) it-terminu "sigħat ta' mistrieħ" ifisser il-ħin barra s-sigħat ta' xogħol; dan it-terminu ma jinkludix waqfiet qosra;

(ċ) it-terminu "baħħar" ifisser kull persuna li tkun impjegata jew involuta fi kwalunkwe kapaċità abbord vapur li jbaħħar li għalih jgħodd il-Ftehim;

(d) it-terminu "sid ta' vapur" ifisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-*manager* jew kerrej tal-vapur, li jkun ħa r-responsabbiltà għall-ħidma tal-vapur mingħand is-sid tal-vapur u li malli jkun ħa responsabbiltà bħal din, ikun qabel li jieħu f'idejh id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li tagħhom ikun hemm bżonn.

Il-Klawsola 3

Fil-limiti stabbiliti fil- Klawsola 5, għandu jkun hemm stabbilit jew numru massimu ta' sigħat ta' xogħol li ma għandux jiġi maqbuż f' perjodu partikolari ta' żmien, jew numru minimu ta' sigħat ta' mistrieħ li għandhom jiġu pprovduti f'prejodu partikolari ta' żmien.

Il-Klawsola 4

Mingħajr preġudizzju għal- Klawsola 5, l-istandard tas-sigħat ta' xogħol normali ta' baħħar huwa, fi prinċipju, ibbażat fuq ġurnata ta' tmien sigħat b'ġurnata mistrieħ fil-ġimgħa u mistrieħ fil-vaganzi pubbliċi. L-Istati Membri jistgħu ikollhom proċeduri sabiex jawtorizzaw jew jirreġistraw ftehim kollettiv li jistabbilixxi s-sigħat ta' xogħol normali tal-baħħara fuq bażi inqas favorevoli minn dan l-istandard.

Il-Klawsola 5

1. Il-limiti fuq sigħat ta' xogħol jew mistrieħ għandhom ikunu jew

   (a) sigħat massimi ta' xogħol li ma għandhomx jaqbżu:

      (i) erbatax-il siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa; u

      (ii) 72 siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' sebat ijiem;

   jew

   (b) sigħat minimi ta' mistrieħ li ma għandhomx ikunu inqas minn:

      (i) għaxar sigħat fi kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa; u

      (ii) 72 siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' sebat ijiem.

2. Sigħat ta' mistrieħ jistgħu jiġu maqsuma f'mhux aktar minn żewġ perjodi, wieħed minnhom għandu jkun twil mill-inqas sitt sigħat u l-intervall bejn żewġ perjodi konsekuttivi ma għandux jaqbeż l-14-il siegħa.

3. Kontrolli, eżerċizzji ta' tifi tan-nar u ta' salvataġġ, u preskritti b' liġijiet u regolamenti nazzjonali u bi strumenti internazzjonali għandhom isiru b'mod li d-disturb tal-perjodi ta' mistrieħ jiġi minimizzat u ma jwasslux għal għeja.

4. Fir-rigward ta' sitwazzjonijiet meta baħħar ikun *on call*, bħal meta makkinarju jkun waħdu, il-baħħar għandu jkollu perjodu ta' mistrieħ b'kumpens jekk il-perjodu ta' mistrieħ normali jkun disturbat b'*call-outs* għax-xogħol.

5. Fir-rigward tal- paragrafi 3 u 4, fejn ma jkun jeżisti l-ebda ftehim kollettiv jew arbitraġġ jew jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet fil-ftehim jew għotja ma jkunux adekwati, ikun f' idejn l-awtorità kompetenti li tistabbilixxi dispożizzjonijiet bħal dawn sabiex tiżgura li l-baħħara konċernati jkollhom mistrieħ biżżejjed.

6. Filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-prinċipji ġenerali talprotezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, Stati Membri jista' jkollhom liġijiet nazzjonali, regolamenti jew proċedura għall-awtorità kompetenti sabiex jawtorizzaw jew jirreġistraw ftehim kollettiv li jippermettu eċċezzjonijiet għal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2. Eċċezzjonijiet bħal dawn għandhom, sakemm ikun possibbli, jsegwu l-istandards imsemmija iżda jistgħu jagħtu kas ta' perjodi ta' mistrieħ aktar spissi jew itwal, jew li jagħtu leave b'kumpens lil baħħara *watchkeeping* jew baħħara li jaħdmu abbord fuq vjaġġi qosra.

7. Għandha tintbagħat tabella, f'post li jkun aċċessibbli faċilment, bl-arranġamenti tax-xogħol abbord, li għandu jkun fiha għal kull pożizzjoni għallinqas:

(a) l-iskeda tas-servizz fuq il-baħar u servizz fil-port; u

(b) is-sigħat ta' xogħol massimi jew is-sigħat ta' mistrieħ minimi meħtieġa mil-liġijiet, regolamenti jew ftehim kollettiv fis-seħħ fl-Istati Membri.

8. It-tabella msemmija f' paragrafu 7 għandha tiġi stabbilita f'format standardizzat fil-lingwa jew lingwi tax-xogħol tal-vapur u bl-Ingliż.

Il-Klawsola 6

L-ebda baħħar taħt it-18-il sena ma għandu jaħdem bil-lejl. Għall-għan ta' din il-Klawsola, "lejl" tfisser perjodu ta' mill-inqas disa' sigħat konsekuttivi, li jinkludi l-intervall minn nofs-il-lejl sal-ħamsa ta' filgħodu. Ma hemmx il-ħtieġa li din id-dispożizzjoni tiġi applikata meta t-taħriġ effettiv ta' baħħara żgħar, ta' bejn is-16 u 18-il sena skond il-programmi u skedi stabbiliti jiġi mfixkel.

Il-Klawsola 7

1. Il-kap tal-vapur għandu jkollu d-dritt li jeħtieġ li baħħar iwettaq kwalunkwe sigħat ta' xogħol meħtieġa għas-sigurtà immedjata talvapur, tal-persuni abbord jew tat-tagħbija merkanzija, jew għallgħanijiet ta' għoti ta' għajnuna lil vapuri oħra fil-perikolu fuq il-baħar.

2. Skond il-paragrafu 1, il-kap jista' jissospendi l-iskeda ta' sigħat ta' xogħol jew ta' sigħat ta' mistrieħ u jeħtieġ li baħħar iwettaq kwalunkwe sigħat ta' xogħol meħtieġa sakemm terġa' tinkiseb millġdid sitwazzjoni normali.

3. Malli jerġa' jkun hemm sitwazzjoni normali, il-kap għandu jiżgura li kwalunkwe baħħar li jkun wettaq xogħol f'perjodu ta' mistrieħ skedat jiġi pprovdut b'perjodu adekwat ta' mistrieħ.

Il-Klawsola 8

1. Għandhom jinżammu *records* tas-sigħat ta' xogħol ta' kuljum talbaħħara jew tas-sigħat ta' mistrieħ ta' kuljum sabiex jippermettu l-osservar mill-qrib tal-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-Klawsola 5. Il-baħħar għandu jirċievi kopja tar-*records* li jkollhom x' jaqsmu miegħu jew magħha li għandhom jiġu ffirmati mill-kap, jew minn persuna awtorizzata mill-kap, u mill-baħħar.

2. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għaż-żamma ta' records bħal dawn abbord, inklużi l-intervalli li fihom għandha tiġi rrekordjata l-informazzjoni. Il-format tar-*records* tas-sigħat ta' xogħol tal-baħħara jew tas-sigħat ta' mistrieħ għandhom jiġu stabbiliti billi jingħata kas ta' kwalunkwe direttivi internazzjonali disponibbli. Il-format għandu jiġi stabbilit fil-lingwi li għalihom hemm provdut bil- Klawsola 5, il-paragrafu 8.

3. Kopja tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni nazzjonali li jappartienu għal dan il-Ftehim u l-ftehim kollettiv rilevanti għandhom jinżammu abbord u għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għallekwipaġġ.

Il-Klawsola 9

Ir-records imsemmija fil- Klawsola 8 għandhom jiġu eżaminati u awtorizzati f'intervalli addattati, sabiex josservaw mill-qrib il-konformità maddispożizzjonijiet li jirregolaw is-sigħat ta' xogħol jew is-sigħat ta' mistrieħ li jdaħħlu fis-seħħ dan il-Ftehim.

Il-Klawsola 10

1. Waqt li jiġu stabbiliti, approvati jew riveduti l-livelli ta' l-ekwipaġġ, hemm bżonn li jingħata kas tal-ħtieġa li jiġu evitati jew li jitnaqqsu, sakemm ikun prattikabbli, sigħat eċċessivi ta' xogħol, sabiex ikun żgurat mistrieħ biżżejjed u l-għeja tiġi llimitata.

2. Jekk ir-*records* jew evidenzi oħra juru nuqqas ta' qbil maddispożizzjonijiet li jirregolaw is-sigħat ta' xogħol jew is-sigħat ta' mistrieħ, għandhom jittieħdu miżuri, inkluż jekk ikun hemm bżonn ta' reviżjoni ta' l-ekwipaġġ tal-vapur, sabiex ikun evitat ksur fil-futur.

3. Il-vapuri kollha li għalihom jgħodd dan il-Ftehim għandhom ikunu mgħammra b' ekwipaġġ biżżejjed, b' mod li joffri sigurtà u b' mod effiċjenti, skond id-dokument ta' sigurtà ta' l-ekwipaġġ minima jew ekwivalenti maħruġ mill-awtorità kompetenti.

Il-Klawsola 11

L-ebda persuna taħt is-16-il sena ma għandha taħdem fuq vapur.

Il-Klawsola 12

Is-sid tal-vapur għandu jforni lill-kap bir-riżorsi meħtieġa għall-għanijiet ta' konformità ma' l-obbligi taħt dan il-Ftehim, li jinkludu dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir ta' l-ekwipaġġ addattat tal-vapur. Il-kap għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-ħtiġiet dwar sigħat ta' xogħol u ta' mistrieħ tal-baħħara, li joħorġu minn dan il-Ftehim, jiġu sodisfatti.

Il-Klawsola 13

1. Il-baħħara kollha għandhom ikollhom ċertifikat li jiċċertifika s-saħħa tagħhom għax-xogħol jew għal liema għandhom ikunu impjegati fuq il-baħar.

   In-natura tat-testijiet tas-saħħa li għandhom isiru u d-dettalji li għandhom ikunu inklużi fiċ-ċertifikat mediku għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni mas-sidien tal-vapuri u l-organizzazzjonijiet tal-baħħara kkonċernati.

   Il-baħħara kollha għandhom ikollhom testijiet tas-saħħa regolari. *Watchkeepers* li jsofru minn problemi ta' saħħa iċċertifikati minn tabib bħala li jkunu dovuti għall-fatt li jwettqu xogħol ta' bil-lejl għandhom jiġu mibgħuta, kull fejn ikun possibbli, għal xogħol ta' bi nhar li jkunu tajbin għalih.

2. It-test tas-saħħa imsemmi fil- paragrafu 1 għandu jkun bla ħlas u għandu jkun jikkonforma mal-konfidenzjalità medika. Testijiet ta' saħħa bħal dawn jistgħu isiru fi ħdan is-sistema nazzjonali tas-saħħa.

Il-Klawsola 14

Sidien tal-vapuri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar *watchkeepers* u dwar ħaddiema oħra ta' bil-lejl lill-awtorità kompetenti nazzjonali jekk jitolbu dan.

Il-Klawsola 15

Il-baħħara għandhom ikollhom sigurtà u protezzjoni tas-saħħa addattati għan-natura tax-xogħol tagħhom. Protezzjoni u servizzi ta' prevenzjoni jew faċilitajiet ekwivalenti fir-rigward tas-sigurtà u saħħa tal-baħħara li jaħdmu bi nhar jew bil-lejl għandhom ikunu disponibbli.

Il-Klawsola 16

Kull baħħar għandu jkun intitolat għal *leave* annwali bi ħlas ta' mill-inqas erba' ġimgħat, jew proporzjon tiegħu għal perjodi ta' impjieg ta' inqas minn sena, skond il-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u għotja ta', *leave* bħal dan stabbilit b' leġislazzjoni nazzjonali u/jew prattika.

Il-perjodu minimu ta' *leave* annwali bi ħlas ma jistax jiġi mibdul b' *allowance in lieu*, minbarra fejn ir-relazzjoni ta' impjieg tkun mitmuma.

Brussel, it-30 ta' Settembru 1998.

Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST)

Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ESCA)